KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SEBA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 11

It-tnax il-laqgħa tas-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tnejn 12 ta' Novembru 2012 fil-7.20pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Vivianne Galea Pace | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Kristian Busietta | Kunsillier |
| | Mary Camilleri | Kunsillier |
| | Antoinette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Pierre Paul Portelli | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **ASSENTI** | Nicolai Gauci | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. AGGUDIKAZZJONI – *STREET SWEEPING TENDER*

1.1 Is-Sindku qal illi l-minuti tal-Bord diġa tressqu u ġew approvati fl-aħħar seduta tal-Kunsill. Fil-minuti kien deher li s-Sur Michael Mizzi ma kienx preżenta lilu nnifsu għall-*interview.* Is-Sindku qal li nhar il-Gimgħa 9 ta' Novembru, s-Sur Mizzi bgħat e-mail jitlob biex issirlu *interview*, peress li ma kienx attenda minħabba raġunijiet ta' saħħa. Is-Sindku qal li l-Bord laqa' din it-talba, u saret *interview* mas-Sur Mizzi fis-6.30pm illum stess.

1.2 Is-Sindku qal illi qabel ma inbeda l-process tat-*tendering* kien diġa sar *meeting* preliminari mal-accountant dwar l-valur ta' dan il-kuntratt. Is-Sindku innota li dan is-servizz huwa ta' prijorita kbira u għaldaqstant, il-Kunsill ivvota aktar fondi biex ikun jista joffri l-aqwa servizz possibli, b'mod immedjat. Is-Sindku qal li għal dan il-għan saret laqgħa mal-*accountant* fil-jiem li għaddew, fejn ġie

innutat li l-Kunsill jista jaffordja anke l-għola offerta, u li din tista titħallas mill-fondi rikorrenti.

1.3 Is-Sindku irrefera ukoll għal parir tas-Sur Ramon Deguara, Manager tal-*Cleansing Services Directorate*, li ilhu għal snin twal imexxi is-servizz ta' knis fil-lokalita ta' Tas-Sliema. Is-Sur Deguara, mill-esperjenza tiegħu, informa lill-membri tal-Kunsill illi biex issir l-iskeda ta' knis rikjesta fid-dokument tat-tender, liema skeda kienet qegħda diġa titħaddem mid-direttorat tiegħu, huwa żgur li l-kuntrattur ma jistgħax ikollu inqas min disgħa kenniesa kuljum. Dan għaliex l-iskeda tal-knis hija waħda preċiża u *demanding*.

2.

2.1 Is-Sindku stqarr illi l-Bord qiegħed jirrakomanda, b'mod unanimu, l-offerta ta' SRF Cleaning Services Ltd. Is-Sindku stqarr li din mhix l-irħas offerta, iżda xorta waħda hija *affordable*. L-offerta ta' SRF Cleaning Services tidher biċ-ċar li ser tissodisfa mal-ewwel il-ħtiġijiet tal-kuntratt, peress illi l-kuntrattur alloka disgħa kenniesa u *foreman* kuljum, u tlett ħaddiema oħra darba fix-xagħar biex iduru t-toroq kollha ineħħu l-ħaxix ħażin. Dan wera biċ-ċar li dan il-kuntrattur fehem il-ħtiġijiet tal-kuntratt.

2.2 Is-Sindku spjega li l-offerta ta' Ozosystem, filwaqt li tilqa l-ħtiġijiet tal-kuntratt, hija aktar għalja min dik ta' SRF Cleaning Services. L-offerta ta' Cleanmasters ukoll tilħaq l-ħtiġijiet tal-kuntratt fejn għandu x'jaqsam numru ta' kenniesa. Iżda, dawn iż-żewġ kumpaniji ma għandhomx esperjenza fil-knis ta' toroq residenzjali.

2.3 L-offerta tas-Sur Saviour Mifsud hija irħas min tal-*Preferred Bidder*, u ta' dawn iż-żewġ offerenti l-oħra, iżda l-offerta tas-Sur Mifsud tinkludi sitt kenniesa biss, li ser jaħdmu ammont ta' siegħat simili tal-kuntratturi l-oħra. Dan l-istess għas-Sur Owen Borġ, li kellu l-irħas offerta, iżda li stqarr li ser jaqdi d-domanda tal-iskeda b'erbgħa kenniesa biss. Il-Kunsill irrisolva illi ma hux possibli li jintlaħqu l-miri tal-iskeda tal-knis b'dan l-ammont żgħir ta' kenniesa, u għaldaqstant jidher li dawn l-kuntratturi ma fehmux l-ammont ta' xogħol li tinkludi l-iskeda tal-knis. Il-Kunsill irrisolva li dawn l-offerti ma humiex raġonevoli.

3.

3.1 Il-Bord għaldaqstant jirrakomanda l-offerta ta' SRF Cleaning Services, peress li l-offerta mhux biss hija *affordable* iżda l-kuntrattur għandu ukoll disgħa snin esperjenza fl-istess xogħol fil-Kunsill Lokali l-Imsida u ħames snin fil-Kunsill Lokali Gzira, żewġ lokalitajiet ferm simili ta' Tas-Sliema. Dan juri li l-offerta ta' SRF Cleaning Services ġiet maħsuba sew fuq dak li kien rikjest fid-dokument tat-tender. Fl-intervista wera biċ-ċar li jifhem fix-xogħol u d-*demands* tiegħu. Għaldaqstant, il-kuntrattur deher li huwa l-aktar preparat biex jibda ix-xogħol kif rikjest fi żmien ġimgħatejn, u b'hekk jaqdi din il-prijorita tal-Kunsill Lokali.

3.2 Il-Kunsill approva l-offerta ta' SRF Cleaning Services b'mod unanimu.

4.

4.1 Il-Kunsillier P Portelli qal li fis-7 ta' Novembru 2012, il-Kunsilliera kollha

rċievew e-mail mis-Socjeta San Girgor, fejn saru bosta allegazzjonijiet dwar il-ħidma tiegħu biex jiġu preparati kundizzjonijiet għal permessi tal-attivitajiet.

4.2 Is-Sindku, filwaqt li rrefera għal din l-istess korrispondenza, li ukoll intbgħatet lill-Kunsill Lokali, qal li kien dan l-istess Kunsill Lokali li iddelega dan ix-xogħol lill-Kunsillier Portelli.

4.3 P Portelli qara' ittra ta' tweġiba, li s-Sindku talbu biex jikteb, u sabiex din tintbgħat f'isem il-Kunsill, b'approvazzjoni tal-Kunsill.

4.4 M Aquilina, filwaqt li baqgħet issostni ma dak li qalet fil-laqgħa tal-Kunsill, qablet li tintbgħat l-ittra ta' twegiba b'emenda żgħira. Il-Kunsill qabel ma din l-emenda. M Camilleri ukoll qablet li tintbgħat l-ittra b'din l-emenda. M Briguglio wera l-appoġġ tiegħu u ukoll qabel li tintbgħat tali tweġiba.

4.5 Il-Kunsill qabel li tintbgħat l-ittra ta' tweġiba kif emendata.

4.6 Il-laqgħa ntemmet. Ħin: 19.55

## 5. AĠĠORNAMENT

5.1 Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tkun nhar il-Ħamis 6 ta' Diċembru 2012 fis-sitta ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum

**Anthony Chircop** — **Matthew Dimech**

**Sindku** — **Segretarju Eżekuttiv**